Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2013AE

**Thomas Smith Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera Societa Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – S.I.A.T (C5637) u din bhala surrogate skond il-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jean Pierre Coleiro u ghal kull interess li jista' jkollu l-istess Jean Pierre Coleiro (K.I. 70179M)**

**Vs**

**Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

L-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku appellat minn decizjoni tal-Arbitru tas-27 ta' Dicembru 2012 li titratta incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Settembru 2007 gewwa Main Street, Mellieha meta Jean Pierre Coleiro qal li kien qieghed isuq il-mutur tal-marka Kawasaki ZX6 bin-numru BLC 636 tiela' mid-direzzjoni tal-Ghadira u waqa' mill-mutur meta allega li kien hemm tumbata fit-triq. Min-naha taghha l-Awtorita (**appellanti**) wiegbet li m'hijiex responsabbli ghall-incident u f'kull kaz l-ammont ta' danni reklamat hu eccessiv. Kompliet tghid: *"Illi ghalkemm l-amministrazzjoni pubblici jridu jasserixxu lic-cittadini li t-toroq u l-bankini huma mizmuma fi stat tajjeb u ma jesponux lill-istess cittadini ghal perikoli zejda, min-naha l-ohra c-cittadini ghandhom id-dover sabiex ikunu attenti waqt li qed jaghmlu uzu mill-istess bankini u toroq pubblici ……".*

Fid-decizjoni l-Arbitru osserva:-

*"The defendant Authority stated that the photos exhibited do not show any pothole or tumbata in the road in question when the accident occurred. These statements baffle the undersigned since the top left hand photo on the photo documents marked 1 clearly in the undersigned's opinion show that virtually the whole width of the carriageway being used by the plaintiff's insured was in a rather scrappy state of upkeep and repair and could have caused a motorcyclist to lose control of his motorbike.*

*The undersigned has established that the road in question is a major traffic artery and is virtually used by most traffic going or returning from Gozo thus one would expect that the road should be in an immaculate condition and very frequent investigation of the road surface should be considered as a sine qua non.*

*It is clear from the evidence collected and from the photos exhibited that Jean Pierre Coleiro would have to go on the wrong side of the road to avoid the badly surfaced*

*area in the road. I have no doubt that there is a clear nexus between the ill condition of the road and the accident under examination.*

*In the light of the foregoing, I am of the considered opinion and consequently decided that the defendant Authority is entirely responsible for the accident under examination and I condemn the said Authority to pay to plaintiffs the sum of nine thousand eight hundred and six euros and sixty-six cent (Euro 9806.66) together with legal interests from the 30th November 2007 as well as all the expenses for this arbitration".*

L-Awtorita appellant appellat permezz ta' rikors li pprezentat fl-10 ta' Jannar 2013, u l-aggravji huma:

1. Ma sarx apprezzament gust u shih tal-provi.
2. Il-punti sollevati minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet gew kwazi ghal kollox skartati.
3. L-Awtorita kkontestat ghal kollox l-ezistenza tat-tumbata fil-post fejn sehh l-incident. Din issemmiet fin-nota ta' sottomissjonijiet ghalkemm l-Arbitru qal li dan 'il fatt ma kienx gie kontestat.
4. L-Arbitru strah fuq evidenza fotografika ta' tumbata li ma tezistix. Ir-ritratti li hemm fil-process juru li ma tezisti l-ebda tumbata.
5. L-oneru tal-prova kien fuq l-appellati.

L-appellati wiegbu (28 ta' Jannar 2013) li:

1. L-appell ma sarx fuq punt ta' ligi. Ghalhekk hu null.
2. L-appellanti naqset milli tidentifika l-punt ta' ligi kif rikjest fl-Artikolu 70B tal-Kap. 387.
3. Fil-meritu d-decizjoni hi gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. L-eccezzjoni preliminari tal-appellati ma kinitx flokha in kwantu dawn il-proceduri bdew bhala arbitragg mandatorju taht il-provvedimenti tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387). F'dak il-kaz hi l-ligi stess li tikkontempla appell fuq fatti (ara Artikolu 69A(2) u 70C tal-istess ligi). Fil-fatt permezz ta' nota prezentata fil-5 ta' Ottubru 2015, irrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni.

2. Ghal dak li jikkoncerna l-meritu, il-qorti tosserva:-

   (i) Ghal dak li jirrigwarda l-ezistenza o meno tat-tumbata fit-triq fejn sehh l-incident, hu fatt li fit-twegiba li pprezentat fic-Centru tal-Arbitragg, l-appellanti ma semmietx li kienet qeghda tikkontesta l-ezistenza tat-tumbata fit-triq li minhabba fiha l-appellat qal li sehh l-incident.

   (ii) M'hemmx dubju li waqt li l-appellat kien ghaddej bil-mutur minn Dawret il-Mellieha, kellu incident. Fir-road accident report il-verzjoni tieghu li ta lill-warden li nvestiga l-incident kien: *"Kont gej mill-Ghadira*

*u hadt skoss kbir u waqajt u kaxkart u bqajt diehel go centre strip"*. Fl-affidavit qal li kien fit-30 ta' Settembru 2007 ftit wara d-9.30 ta' filghodu li kien qieghed isuq il-mutur fil-Mellieha, *".. kif tiskorri l-Ghadira tiela' ghall-bypass tal-Mellieha qabel ma tidhol ghal fejn hu maghruf bhala Popeye Village.* ***Hemm sibt hofra u tumbata*** *kbira li proprju ma kinitx tidher ghax kienet kif iddur ezatt. Jien dan il-periklu ma rajtux u fil-fatt hadt skoss kbir, waqajt minn fuq il-mutur u tkaxkart mal-art u l-mutur ukoll tkaxkar mal-art u baqa' diehel gos-centre strip li hemm quddiem il-Popeye Village entrance. Ma kontx qed insuq b'xi speed qawwi ghax kieku kont inwegga sewwa"*. Ma jirrizultax li kien hemm terzi li raw l-incident isehh. Ghalhekk kull m'ghandna hi l-verzjoni tal-appellat.

(iii) Ghalkemm hu minnu li fir-*road accident report* m'hemmx kummenti li fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet f'kundizzjoni hazina, b'daqshekk ma jfissirx li kienet f'kundizzjoni tajba. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2009 il-warden li nvestigat il-kaz xehedet: *"Tal-mutur qalli li habat mat-traffic island. Qed jigi ndikat minni ritratt numru 1 u nghid li fih tidher il-hotba. It-traffic island a fol. 4 tal-warden's report hi fejn sibt il-mutur"*.

(iv) Il-qorti tistqarr li mir-ritratti li hemm fil-process[1] m'hijiex f'posizzjoni li tidentifika t-tumbata li l-appellat qal li kienet il-kagun ta' dan l-incident. Ritratti li huma kopji. B'daqshekk ma jfissirx li l-appellat gideb. Li hu zgur hu li miz-zewg ritratti tat-triq li l-qorti fehemet li ttiehdu mill-warden li nvestigat l-incident, hi evidenti l-kundizzjoni fqira li fiha kienet it-triq. Fatt maghruf ghal kull min kien ighaddi minn din it-triq, inkluz is-sottoskritt li minhabba ragunijiet ta' xoghol kien ighaddi ta' sikwit minnha wkoll fil-perjodu meta sehh l-incident. Ghalkemm ix-xhud Anthony Bugeja ta x'jifhem li xogholijiet f'din it-triq kienu jsiru kontinwament ghaliex *"... din it-triq uzata hafna specjalment minn passiggieri li jigu minn Ghawdex u trid izzommha up to date"*, hu evidenti li dak li kien qieghed isir jista' jigi biss deskritt bhala lapazzar. Hu veru li x-xhud qal ukoll li f'dak iz-zmien ma kellhomx rapport ta' incidenti ohra. Madankollu dan zgur li jistax iservi bhala certifikat li fit-triq ma kienx hemm difetti li jaghmluha perikoluza partikolarment ghal min ighaddi minnha b'mutur. Ir-ritratti nfushom juru it-tip ta' *patching* li kien isir f'din it-triq sakemm fis-sena 2009 giet *resurfaced*. Il-qorti hi tal-fehma li mid-deposizzjoni tal-appellat flimkien ma' dak li jidher f'zewg ritratti li jidher li ttiehdu mill-warden li nvestigat il-kaz, l-Arbitru seta' fuq bazi ta' probabilita' jikkonkludi li dak li gara kien proprju kif irrakkonta l-appellat. Fattur iehor li l-qorti tqies li hu rilevanti hu li fl-

[1] Ezibiti mill-appellati permezz ta' nota tal-10 ta' Dicembru 2015 wara li l-qorti nfurmat lid-difensuri tal-partijiet li mill-atti tal-arbitragg kien jidher li hemm xi dokumenti neqsin.

incident ma jirrizultax li l-appellat sofra griehi f’persuntu. Ir-raguni tghidlek li kieku l-appellat kien qieghed isuq bi speed kien iwegga’ sew. Fil-fehma tal-qorti ‘l fatt li Coleiro ma weggax fih innifsu jikkorabora l-verzjoni tieghu li ma kienx qieghed isuq bi speed u fuq bazi ta’ probabilita tilef il-kontroll minhabba difett li kien hemm fit-triq. Il-qorti ma tistax tispjega mod iehor dak li gara meta tqies ukoll il-hin li fih sehh l-incident u ‘l fatt li l-art kienet xotta. Dan apparti li meta sar il-kontro-ezami tal-appellat ma hargux cirkostanzi li jpoggu fid-dubju l-verzjoni li ta.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-Awtorita appellanti**.

Anthony Ellul.